**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 297/2023/1**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**John Borg**

**Illum, 11 ta' Jannar, 2023**

Il-Qorti,

Rat li l-appellanti, **John Borg** detenur tal-karta tal-identita Maltija **0430258M**, ġie imressaq il-Qorti u akkużat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Nhar it-22 ta' Awwissu, 2022 għal ħabta ta' bejn il-ħinijiet ta' l-**16:30hrs** u l-**17:15hrs** ġewwa Santa Venera,

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' bintu ċioe **Anneliese Borg D'Agostino** f'periklu ċar, volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe' offiża ta' natura ħafifa ta' importanza żgħira fuq il-persuna tagħha, hekk kif iċċertifika **Dr.Ryan Falzon** (Med Reg 4320) miċ-ċentru tas-saħħa tal-Furjana.

2. Għamel inġurija jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-kodiċi kriminali lil bintu ċioe **Anneliese Borg D'Agostino** ,jew, jekk kien ipprovokat, inġurija b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

Il-Qorti giet ġentilment mitluba sabiex f'każ ħtija, sabiex jipprovdu għall-persuni ta' Annelisse Borg D'Agostino jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, rabtet lil John Borg blli tapplika l-Artikoli 328A et seq tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq u/jew rabtet lil John Borg John Borg b'obbligazzjonijiet tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi iffisaata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti  tal-Maġistrati ( Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar il-24 ta' Lulju ,2023, fejn **sabet lill-imputat John Borg <u>ħati tal-imputazzjonijiet</u> miġjuba kontra tiegħu fejn ikkundannatu għall-piena ta' tliet xhur priġunerija u ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat li jigu sospiżi għall-perijodu ta' sena millum.**

**In oltre, sabiex tinżamm il-paċi bejn il-partijiet kif ukoll l-ordni pubblika, rabtet u obbligat lill-ħati b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu sabiex ma jimmolestax, ma jiffastidjax u ma jdejjaqx lil Anneliese Borg D'Agostino għal żmien tnax il-xahar (12) u dan taħt penali ta' elfejn euro ( €2,000) fl-eventwalita' li hu ma josservax dawn l-ordnijiet fiż-żminijiet stipulati minn din is-sentenza.**

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant John Borg, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-8 ta' Awwissu ,2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- Tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza appellata mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Lulju 2023 fil-proċedura fl-ismijiet fuq premessi fis-sens illi ssib lill-esponenti John Borg

mhux ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tiegħu u minnhom tilliberah, u in mankanza ta' tali konklużjoni tikkundannah għal piena oħra opportuna u proporzjonata, tenut kont tal-agir provokattiv tal-*parte civile.*

**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

Apprezzament Żbaljat tal-Provi Prodotti

Illi umilment jiġi sottomess illi l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet żbaljat tal-provi miġjuba quddiemha stante illi l-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni kienu jaqgħu 'l bogħod mill-grad rikjest mil-liġi fil-kamp kriminali, u in oltre' l-esponenti umilment iħoss illi kien hemm diversi punti mressqa mill-esponenti illi l-Ewwel Onorabbli Qorti għażlet illi tinjorahom jew li ma ttihomx l-importanza li jistħoqqilhom.

Illi jibda billi jingħad illi hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

Illi l-esponenti, minkejja li m'huwiex obbligat li jixhed ddeċieda u fil-fatt ta spjegazzjoni tal-verżjoni tal-fatti.

Illi fl-umli fehma tal-esponenti, l-Prosekuzzjoni ma laħqitx dak il-grad ta' prova li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni fil-każ odjern, u għalhekk l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tillibera lill-esponenti miż-żewġ imputazzjonijiet miġjuba kontrih, u dan hekk kif ser jiġi spjegat f'dan ir-rikorsi.

i. **L-ewwel imputazzjoni**

Illi l-esponenti umilment jirrileva illi fil-każ odjern hemm diversi nuqqasijiet min-naħa tal-Prosekuzzjoni illi l-Ewwel Onorabbli Qorti naqqset milli tikkunsidra u tieħu konjizzjoni tagħhom meta ġiet biex tiddeċiedi dwar il-mertu tal-proċeduri odjerni.

Illi in succint, fil-każ odjern, xehdet il-parte ċivile Anneliese Borg D'Agostino fejn esebiet ċertifikat mediku u ritratt tal-ferita li subiet, kif ukoll xehed l-esponenti.

Illi l-appellant umilment jirrileva illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma ħaditx in kunsiderazzjoni l-fatt illi fir-ritratt tal-ferita li ġie esebiet mill-Prosekuzzjoni, ma hemmx indikat id-data w il-ħin li fih ittieħed l-imsemmi ritratt. Din il-prova lanqas ma toħroġ mix-xhieda tal-parte civile.

Illi l-esponenti nnota wkoll illi fiċ-ċertifikat mediku rrilaxxjat minn Dr Ryan Falzon ma hemmx indikat minn xiex setgħet ġiet ikkawżata s-*superficial abrasion* li subiet *il-parte civile*.

Illi nuqqas iehor riskontrat fil-proċeduri odjerni huwa l-fatt illi l-Prosekuzzjoni naqset milli ttella' bħala xhud, kemm *viva voce* jew anke permezz ta' affidavit, lill-mara tal-esponenti u omm il-*parte civile* u ċioe' lil Carmen Borg li kienet preżenti waqt dan l-inċident. Illi l-esponenti jirrileva illi dan huwa nuqqas serju da parti tal-Prosekuzzjoni li naqset illi ġġib prova daqshekk importanti illi setgħet tikkonferma jew le l-verżjoni mogħtija minn bintha.

Illi in oltre, u mingħajr preġudizzju għan-nuqqasijiet da parti tal-Prosekuzzjoni hawn fuq imsemmija, l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet li huma manifestament kunfliġġenti kwantu għall-offiża ta' natura ħafifa ta' importanza żgħira fuq il-persuna tal-parte civile. Jidher illi l-Ewwel Onorabbli Qorti straħet ampjament fuq dak illi xehdet fuqu Anneliese Borg D'Agostino , filwaqt illi ma kkunsidratx id-deposizzjoni tagħha fid-dawl tax-xhieda tal-esponenti. Waqt ix-xhieda tiegħu l-esponenti ċaħad għal iktar minn darba illi huwa mbuttaha jew messha lill-bintu Anneliese Borg D'Amato waqt dan l-inċident.

Illi għalhekk, tenut kont tan-nuqqasijiet da parti tal-prosekuzzjoni u tal-verżjonijiet kunfliġġenti, jidher biċ-ċar illi hemm dubju serju li ma jistax iwassal għall-konvinċiment morali tal-ġudikant sabiex issib lill-esponenti ħati ta' dan ir-reat li qed jiġi addebitat lilu.

**ii. It-tieni imputazzjoni**

Illi fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, l-Ewwel Onorabbli Qorti tat piż konsiderevoli lix-xhieda *viva voce* tal-*parte civile* u bbażat id-deċiżjoni tagħha fuq il-verżjoni mogħtija mill-imsemmija *parte civile*-liema verżjoni ma ġiet ikkorraborata minn ebda xhud ieħor- u dan mingħajr ma kkunsidrat ix-xhieda fid-dawl ta' dak li ddepona l-esponenti.

Illi jibda billi jiġi rilevat illi kollox beda meta Anneliese Borg D'Agostino rat frame b'ritratt tagħha ġewwa r-residenza tal-ġenituri tagħha. Waqt ix-xhieda tagħha, l-*parte civile* kkonfermat illi hija qabdet dan il-frame darbtejn b'kollox. L-ewwel darba għamiltu rasu l-isfel għax skont hi, *"... ma ridtx li jkollu ritratt tiegħi..."* ( tirreferi għall-esponenti). Kif ra hekk l-esponenti qalilha sabiex ma tmissx affarijiet tiegħu. Fil-fatt, mistoqsija in kontro-eżami, l-*parte civile* kkonfermat illi l-*frame* in kwistjoni m'huwiex tagħha u lanqas ta' ommha. Hekk kif l-esponenti qal lil Anneliese Borg D'Agostino sabiex ma tmissx affarijiet tiegħu, l-istess Anneliese tikkonferma li reġgħet qabdet il-*frame* sabiex għal darba oħra tneħħiħ minn postu.

Illi fix-xhieda tiegħu l-esponenti saħaq kemm-il darba illi hu ma mbuttax u lanqas messha lil bintu Anneliese Borg D'Agostino waqt dan l-inċident. In oltra' l-esponenti kompla jispjega wkoll illi wara li Anneliese Borg D'Agostino ppruvat terġa tneħħi l-*frame* in kwistjoni minn postu għat-tieni darba, hija bdiet takkuża lill-esponenti li hu jisraq l-affarijiet ta' ommha minn ġol-iskrivanija, bdiet tgħajjru kif ukoll toffendih flimkien ma' ommha u zijitha, fejn saħansittra akkużatu wkolli illi għandu mara oħra.

Illi tenut kont ta' dan kollu, l-esponenti umiolment jirrileva illi huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova meħtieġa għas-sejbien ta' ħtija kriminali jintlaħaq b'suċċess, liema grad ċertament ma

ntlaħaqx fil-każ odjern u għalhekk l-esponenti umilment jissottometti li ma setax jinstab ħati lanqas tat-tieni imputazzjoni.

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, anke fir-rigward tal-piena erogata mill-Ewwel Onorabbli Qorti, l-esponeni jissottometti bir-rispett illi tali piena hija waħda eċċessiva u sproporzjonata meta wieħed jikkonsidra l-fatti kollha tal-każ odjern.

Illi għalhekk, tenut kont ta' dak kollu magħdud f'dan ir-rikors, hija l-umli sottomissjoni tal-appellant illi stante illi l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-każ tagħha skond il-grad rikjest mil-liġi fil-kamp Kriminali u stante illi jirriżultaw nuqqasijiet kbar da parti tal-istess Prosekuzzjoni, liema nuqqasijiet għandhom jimmilitaw favur l-appellant, l-esponenti għandu jiġi liberat mill-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu.

Rat l-atti tal-kawża.

Semgħet lill-partijiet jittrattaw il-każ u dan fis-seduta tas-7 ta Diċembru, 2023.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali preżentata fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-22 ta' Novembru 2023.

**<u>Ikkunsidrat,</u>**

Illi l-aggravju principali tal-appellant hu dirett lejn apprezzament zbaljat ta l-ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi imresqa. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-

apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit**[1] deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) intqal:-

> *'kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.'*

Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-

---

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa ġie mistqarr li :

Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.

Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża. il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[2]

---

[2] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-

L-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-**artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali** jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[3] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

In oltre kif ġie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne,**[4] mhux kull konflitt fil-provi għandu awtomatikament iwassal għall-liberazzjoni tal-persuna akkużata. Imma l-Qorti, f' każ ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enunċjati fl-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali w tasal għall-konklużjoni dwar lil min trid temmen u f'hix ser temmnu jew ma temmnux'.

F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik

---

Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004; Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez u Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina, 24 ta' April 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak, 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; IlPulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

[3] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; Il-Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; Il-Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[4] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono

diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

Din il-Qorti ghalhekk trid tesamina l-provi prodotti sabiex tara jekk l—gudizzju milqugh mill-ewwel Qorti kienx wiehed *safe and satisfactory.*

Rat ix-xhieda mogħtija minn **Annelise Borg D'Agostino** nhar id-29 ta' Novembru, 2022 (fol. 4) fejn kkonfermat li hija marret tagħmel rapport għand il-pulizija. Spjegat li nhar it-22 ta' Awwissu 2022 għal ħabta tal-4.30 p.m hija marret għand ommha fil-fond 70 Santa Marija Flat 3, Triq is Soll Santa Venera u daħlet fil-kamra ta' ommha u għalqu l-bieb biex titkellem ma' ommha. Baqgħet magħha għal xi ħin sakemm waslet iz-zija għaliex ommha kienet sejra tixtri ma ommha u għalhekk iddeċidew li jitilqu mid-dar. Hija u ħierġa mis-salott kien hemm frame b'ritratt tagħha meħud riċenti li ġie mogħti lil missierha. Ir-ritratt ġie meħud mill-facebook tagħha li mhux miftuħa. Tgħid li xi ħadd ipprintja ir-ritratti. Hija ma riditx li jkun hemm ritratt tagħha u għalhekk qabdet il-frame u poġġietu rasu l-isfel fis-salott. Ħarġet mal-mummy u zijtha. Zijtha qaltilha li kellha saqajha tuġaħha u li kienet intefħetilha u għalhekk talbitha tarahielha. Hija nurse u għalhekk telgħet tarha u għalqu l-bieb tal-kamra.

Hija neżgħet il-qalziet biex turiha saqajha u f'daqqa waħda jinstema il-bieb jinfetaħ u kien hemm ħafna storbju u għajjat. Missierha beda jgħajjat biex ma jmissux l-affarijiet tiegħu u f'dan il-mument kien qed jirreferi għal frame li kienet ċaqilqet. Qabdet il-frame biex terġa tneħħieh minn hemm u qabadha imbuttaha u taħa daqqa u għamilha abrasion u għalhekk marret iċ-ċentru tas-saħħa tal-Furjana. Kien hemm tgħajjir u għajjat fil-komun tal-flat. Ħarġu barra u missierha beda jgħajjat ma' zijtha u l-istorja spiċċat hemm. Zijtha ma kinitx telgħet fil-flat minħabba missierha. Tgħid li tassumi li

l-amterja tqajmet minħabba il-frame għaliex missierha ma semmhiex frame fid-diskors tiegħu ma semma xejn partikolari.

Spjegat li għand ommha, ommha torqod fil-karma tas-sodda fejn kienet torqod hi ma ohtha u missierha jorqod fil-kamra matrimonjali. Qalet li l-bieb ta' ommha dejjem miftuħ u jaqbad u jidħol kull meta jrid minkejja li hemm agreement li għandu iħabbat qabel ma jidħol fil-kamra. Ommha lanqas jista jkollha n-nies lanqas lil oħtha għaliex ikollha l-inkwiet ma' missierha. Lanqas hi ma tmur liberament f'dar ommha. Tgħid li ommha skjava fid-dar. Qalet li ma tmurx għand ommha biex tevita li jkollha toqgħod tagħmel raporti. Minkejja li ma tieħux gost li ma tmur għand ommha tippreferi hekk biex ma jkunx hemm inkwiet.

Tgħid li hija għandha ritratt tal-ferita li kkaġunalha fuq il-mobile tagħha. Hija ppreżentat kopja tar-ritratt u taċ-ċertifikat mediku li ġew mmarkati bħala Dok ABD u ABD1. Tgħid in kontro esami li l-aħħar darba li marret għand ommha kien dakinhar tal-inċident. Qalet li hija telqet mid-dar f'Novembru 2021 u minn hemm il-quddiem rarament marret fid-dar. Dakinhar tgħid li misset il-frame darbtejn u dan dejjem fil-presenza ta' missierha.

Rat l-okkorenza datata 22 ta' Awwissu 2022 għall-ħabta tat-8.30 p.m fejn ġie rraportat l-inċident kif spejgat minn Annelise Borg D'Agostino rrapportat għall-ħabta tal-4.30 p.m. Dan ġie esebit u mmarkat bħala Dok JP (fol. 12).

Rat l-affidavit ta' PC 575 M Tonna. Dan kkonferma li nhar it-22 ta' Awwissu 2022 Annelise Borg D'Agostino marret tirrporta l-GBDV dwar missierha l-appellant odjern. Spjegat li dakinhar stess għall-ħabta tal-4.30p.m, kienet marret id-dar tal-ġenituri tagħha ġewwa Santa Venera fejn meta hi u ommha ħarġu lemħet frame tar-ritratti b'ritratt tagħha fuq il-komodina u hija għamelt il-frame wiċċu l-isfel fuq is-sufan. Kompliet tgħid li hi u ommha rritornaw lura d-dar wara xi tletin minuta u missierha kien għadu mhux hemm imma wara ħames minuti wasal u innota l-*frame* u qallha biex ma tmiss xejn li mhux tagħha. Qalet ukoll li l-appellant imbuttaha minn spallejha il-leminija bis-saħħa u beda jargumenta magħha u ma' ommha fejn dar fuqha u qallha biex ma tmissx l-affarijiet tiegħu u jkun ħażin għaliha jekk terġa tagħmel hekk. Annelise pprovdiet ċertifikat maħruġ minn Dr Ryan Falzon miċ-ċentru tas saħħa tal-

Furjana u ċċertifika li Annalise kienet qed issofri minn ġrieħi ta' natura '*slight save compications*'.

L-parte civile ġiet mitkellma nhar it-2 ta' Settembru, 2022 u kkonferma li dakinhar missierha qabad jgħajjat ma' ommha fejn allega li serqitlu. Spjegat li dak il-ħin kien hemm zijtha mhux oħtha fejn din ta l-aħħar ma għajritx lil John imma hu għajjar lilha u imbuttaha.

Rat iċ-ċertifikat esebti fl-atti mmarkat bħala Dok JP2 rilaxxat minn Dr Ryan Falzon mmarkat bħala Dok JP3 fejn hemm indikat it-tip ta' ferita li kellha l-*parte civile* u ċioe ferita superfiċċjali liema ferita kienet ta' natura *slight save compications*. Illi dan iċ-ċertifikat ġie kkonfermat bl-affidavit tat-tabib datat l-1 ta' Diċembru 2022 (fol. 26).

Rat ukoll ir-ritratt esebit fl-atti mmarkat bħala Dok A60 a fol 23 fejn tidher li hemm ferita superfiċċjali .

Rat ix-xhieda mogħtija mill-appellant **John Borg** nhar l-10 ta' Jannar 2023. Fejn tkellem fuq ħafna inċidenti li kellu mal-mara Carmela Borg iżda mhux fuq l-inċident mertu tal-kawża odjerna.

Jidher minn dak li stqarret Annelise Borg D'Agostino li dakinhar tat-22 ta' Awwissu 2022 l-appellant kellu xi jgħid magħha u beda jgħajjat għax kienet messet xi frame li kien hemm proprejta tal-appellant u dan għaliex ma rieditx li jkun hemm frame b'ritratt tagħha. Għalhekk poġġietu wiċċu l-isfel. Missierha irrabja ħafna u waqt li kienet qed titkellem ma' ommha qabad u imbuttaha u għamilha ferita ta' natura superfiċċjali. Qalet ukoll li beda jgħajjat u jheddidha li jkun ħazin għaliha jekk terġa tmiss l-affarijiet tiegħu. Illi l-*parte civile* ġabet ċertifikat mediku dwar il-ferita superfiċċjali li sofriet u din ġiet kkonfermata mit-tabib Dr Ryan Falzon fl-affidavit tiegħu kuntrarjament għal dak li jgħid l-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu. Illi fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jgħid li r-ritratt esebit mill-parte civile m'għandux data. Illi pero jingħad li dan ir-ritratt ġie medhud mill-parte civile skond ma qalet fix-xhieda tagħha bil-mobile dakinhar tal-inċident. Illi għalhekk dan ir-ritratt meħud fil-kwadru tax-xhieda tagħha li ingħatat viva voce il-Qorti u fid-dawl ta' dak li ġie rapportat minnha fl-okkorenza dan iċ-ċertifikat għandu mis-sewwa u m'għandux

għalfejn jiġi skartat. Dwar ir-ritratt jingħad li l-appellant huwa tal-fehma li dan ma jikkostitwixxi l-ebda prova għaliex m'għandux data. Il-parte civile tgħid li dan ġie meħud minnha bil-mobile tagħha u dan bħala prova tal-ferita li subiet. Illi fl-ebda ħin ma d-difiża talbet għal isfilz ta' dan id-dokument quddiem l-ewwel Qorti. Illi għalhekk dan ir-ritratt għandu jittieħed bħala prova korroborattiva ta' dak li xehdet il-parte civile li l-appellant imbottaha u kkaġunalha ferita superfiċċjali kif deskritta mit-tabib stess fl-istess ċertifikat. Illi ma hux minnu li l-ewwel Qorti kienet rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet tal-fatti għaliex bħala inċident ma jidhirx li hemm kontestazzjoni. Illi jidher biċ-ċar li l-appellant kien irrabjat għaliex bintu messet ħwejjġu u ċieo għax messet il-frame ma jidhrix li kien hemm xi ħwejjeġ oħra għaliex prova dwar dan ma hemmx.

Għalhekk l-akkużi jirriżultaw provati b'mod sodisfaċenti.

Dwar il-piena l-appellant jitlob li jkun hemm varjazzjoni għaliex fil-fehma tiegħu hija waħda eċċessiva.

Illi huwa minnu li fil-ġurisprudenza nostrana speċjalement dik reċenti, ġie stabbilit li huwa indesiderabbli li l-Qorti Superjuri tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti, madanakollu tali diskrezzjoni trid tkun fundata fuq dispożizzjonijiet tal-liġi speċifiċi li jipprovdu l-bażi legali għad-diskrezzjoni applikata mill-Ewwel Qorti. Jinghad li fis-sentenza fil-każ **il-Pulizija vs. Joseph Attard** mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali presjeduta mill-Imħallef Patrick Vella fis-26 ta' Jannar 2001, fejn il-Qorti qalet li:

> *"Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi."*

Din il-forma mentis tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali hija ukoll riflessa f'sentenzi oħra ta' l-istess Qorti fosthom **Il-Pulizija vs. Massimiliano Maurizio**[5] , **Il-**

[5] Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri) preseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono fit-13 ta' Novembru 2003

**Pulizija vs. Jeremy James Farrugia**[6] u **Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**[7]. Din il-ġurisprudenza ormai ben kristallizzata u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi. Illi fil-każ in desamina l-appellant ma hux qed jillamenta li l-piena ma taqax fil-parametri tal-liġi iżda li l-piena inflitta hija waħda eċċessiva.

Kif intqal fl-appell **Kandemir**[8] u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' Appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta.

Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli :

a. għall-offiża in kwistjoni u

---

[6] Qorti ta' l-Appell Kriminali, presjeduta mill- Imhallef Joseph Galea Debono fl-14 ta' Ottubru 2003 (155/2003).

[7] Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) mogħtija fl-24 t'April 2003 (numru 10/1994).

[8] The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005

b. għaċ-ċirkostanzi tal-ħati

u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **Ir-Repubbblika ta' Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti :

Fil-verita`, dawn il-prinċipji huma riflessi tal-prinċipju l-ieħor li meta jkun hemm sentenza li tiġi appellata mill-ħati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bħala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel Qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirriżultax li l-ewwel Qorti tkun naqset milli tagħti importanza lil xi aspett partikolari tal-każ (u anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-ewwel Qorti) li kien jinċidi b'mod partikolari fuq il-piena. S'intendi, kif diġa` ngħad, "*sentencing is an art rather than a science*" u wieħed ma jistax jippretendi xi preċiżjoni matematika jew identita` erfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' każ ma' ieħor jew tal-piena erogata f'każ ma' dik erogata f'każ ieħor.

Illi l-appellant ma ressaq l-ebda prova għaliex din il-Qorti għandha tiddipartixxi mill-piena mogħtija mill-ewwel Qorti. Għalhekk din il-Qorti qed tikkonferma l-piena mogħtija mill-ewwel Qorti kemm fir-rigward tal-mertu kif ukoll fir-rigward tal-piena impsota. Tikkonferma ukoll l-ordni maħruġa ai termini tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u b'hekk qed torbot u tobbliga lill-ħati b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu li ma jimmolestax, ma jiffastidjax u ma jdejjaqx lil Annelise Borg D'Agostino għal żmien tnax-il xahar taħt penali t'elfejn euro(€2,000) fl-eventwalita' li hu ma josservax dawn l-ordnijiet fiż-żmijiet stipualti minn din is-sentenza.

Il-Qorti spejgat il-portata ta' din is-sentenza lill-ħati li kkonferma li fehem l-istess.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**

**Imhallef**